**9 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – *President.***
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

M M

*versus*

J M

**Żwieġ – Mard Mentali – Annullamenti**

*Fejn wieħed jitkellem fuq annullament u mhux fuq separazzjoni jew divorzju fiż-żwieġ, huwa proprju fil-mument li jingħata l-kunsens fejn wieħed irid jeżamina l-istat mentali tal-partijiet, u huwa f'dak il-mument li jrid ikun hemm in-nexus ta' kawżalità bejn il-kunsens mogħti internament u dak mogħti esternament.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili tal-Prim'Awla tal-14 ta' Marzu, 1990, li tgħid hekk:-

"Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opprotuni;

Premess illi l-kontendenti żżewwġu fil-31 ta' Lulju, 1976, u dan iż-żwieġ huwa vvizzjat peress illi l-konvenut kien diġà affettwat b'mard mentali kif ukoll li l-istess konvenut kellu nuqqas li permezz tiegħu ma kienx u mhux kapaċi jifhem ir-responsabbilitajiet taż-żwieġ;

Talbet li din il-Qorti:

Tiddikjara li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Lulju, 1976, huma null u bla effett;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjrazzjoni ta' l-attriċi, l-lista tax-xhieda tagħha, u dokument esebit magħha.;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa

illi *t-talbiet* attriċi *huma infondati fil-fatt u d-dritt peress illi l-*konvenut ma kienx iggravat b'xi mard mentali qabel iż-żwieġ u kien kapaċi jifhem id-drittijiet u d-dmirijiet taż-żwieġ; li l-istess konvenut kellu fil-mument taż-żwieġ setgħat intellattwali jew ta' rieda biżżejjed biex b'hekk inħoloq il-kunsens għaż-żwieġ validu skond il-liġi; salvi eċċezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut fejn issottometta li mż-żwieġ bejn il-partijiet hemm tifel wieħed minuri; li meta żżewweġ hu kien kapaċi biżżejjed biex jifhem id-drittijiet u d-dmirijiet taż-żwieġ u seta' jagħti l-kunsens tiegħu skond il-liġi; li l-marda li ssopravveniet wara ż-żwieġ ma tirrendihx inkapaċi biex jifhem l-aspetti essenzjali tal-ħajja miżżewwġa;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Ġunju, 1987, li bih innominat lill-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Jacquline Grima biex tieħu x-xhieda u tirċievi dokumenti u wara li taċċerta u tistabilixxi l-kwistjonijiet ta' fatt u tal-liġi li jkun hemm fil-kawża, tagħmel rapport dwar dan lill-Qorti u dan kollu kif speċifikat fl-ordni tal-Qorti opportuna ta' l-istess data;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Assistenta Ġudizzjarja a fol 14 sa 30 tal-proċess li ġiet minnha ppreżentata fis-seduta tal-5 ta' April, 1989;

Eżaminat il-provi prodotti;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża nklużi l-verbali tas-seduta miżmuma quddiem l-istess Assistenta Ġudizzjarja;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru, 1989, fejn il-Qorti ssuġġeriet li jsiru noti ta' l-osservazzjonijiet dwar ir-rapport ta' l-Assistenta Ġudizzjarja, liema noti ma sarux, anzi l-Qorti ntalbet tgħaddi għas-sentenza;

Illi l-konklużjoni li waslet għaliha l-Assistenta Ġudizzjarja fir-relazzjoni tagħha hi li talba attriċi għall-annullament għandha tiġi milqugħa wara li ssottomettiet li "jidher *on a balance of probability*" li l-konvenut kien ibati minn *mild sub-normality* minn ċkunitu;

Illi fl-istess relazzoni l-Assistenta Ġudizzjarja tissottometti kjarament li ma kinetx tasal għal konklużjoni simili "kieku ma kienx għad-djanjosi ta' Dottor Peter Muscat u għad-dehra u komportament u livell affettiv u intellettwali tal-konvenut";

Illi l-Qorti tirrileva li Dottor Peter Muscat ġie prodott bħala xhud da parti ta' l-attriċi u ma jistax jiġi kkonsidrat ħlief bħala xhud "ex parte" u ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni l-opinjoni li ġiet espressa minnu;

Illi kif aċċettat mill-istess Assistenta Ġudizzjarja x-xiehda, anzi nistgħu ngħidu, l-opinjoni ta' Dottor Muscat kellha piż determinanti fil-konklużjonijiet tar-relazzjoni;

Illi issa una volta wieħed ipoġġi din ix-xiehda fil-pożizzjoni tagħha skond il-liġi u għalhekk jiskartaha fil-paritjiet determinanti tagħha, ikollna naraw mill-ġdid iċ-ċirkostnazi kollha tal-każ;

Illi l-punt prinċipali li jrid jiġi ddeterminat f'din il-kawża huwa jekk iż-żwieġ jitax jiġi ddikjarat null taħt l-Artikolu 19 (1) (h) ċjoè li hu ma kellux fil-mument taż-żwieġ "*sufficient powers*

*of intellect or volition to elicit matrimonial consent*'';

Illi ċertament ma rriżultax li l-konvenut kien affett minn ''*infirmity of mind*'' li jesiġi l-Artikolu 4 ta' l-att relattiv u allura, għalkemm xejn ma jirriżulta ċar la mill-premessi u lanqas mit-talbiet, l-Assistenta Gudizzjarja ħasset li kellha tinkwadra t-talba taħt l-Artikolu 19 (1) (h);

Illi mill-provi prodotti ma rriżultax li r-raġel kellu jew wera li kellu xi nuqqas simili fiż-żmien meta ġie ċċelebrat iż-żwieġ...;

*Omissis;*

Il-Qorti ma tarax f'dan l-aġir xejn tant anormali li jwassal għal annullament taż-żwieġ. Il-qagħda marrett għall-agħar u l-konvneut ġie rikoverat diversi drabi fl-isptar Monte Carmeli. Ta' min jinnota, anki skond Dottor Muscat li l-pilloli lilu preskritti ma kinux qawwija. Di più l-attriċi ma għenitx biex żewġha jsib soluzzjoni għall-problemi li kellu. Infatti xehed Dottor Muscat meta rah l-ewwel darba, ''Dak iż-żmien il-pazjent kien dejjem jibkili u jitlobni biex nirranġalu biex jiġi '*discharged*'' mill-isptar. Però anqas meta skada t-Treatment Order u hu seta' jitlqa, xorta ''ma setax jagħmel dan għaliex ma kellux fejn joqgħod għaliex martu ma riditux minħabba li kien hemm proċeduri tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti'';

Dan jindika li l-mara istitwiet proċeduri għas-separazzjoni waqt li kien rikoverat l-isptar u di più meta seta' jiġi lura f'daru, ma ħallitux. Il-Qorti hi tal-fehma li l-atteġġjament ta' martu fil-mumenti diffiċli li kien daħal fihom, ikkontribwixxa serjament biex l-infermità tiggrava;

Illi oltre li l-attriċi ma ressqitx xhieda barranin għalihom, dwar l-imġiba tal-konvenut, dan fix-xhieda spjegattiva tiegħu (li anqas tkompliet għaliex kienet ġiet sospiża u l-kontro-eżami riservat) ċaħad dak kollu li qalet l-attriċi dwar iċ-ċirkostanzi sakemm ġara l-inċident ma' missieru. L-attriċi la ressqet lil Dottor Abraham Galea li kien il-psikjatra li kkurah (għalkemm tidher li kienet saret inġunzjoni għalih) u lanqas lil Dr. Alfred Aquilina, "dan ilu jikkurana xi sitt snin";

Illi anke l-mod kif xehed Dottor Peter Muscat (bla preġudizzju għal-dak li ntqal fuq dwar ix-xhieda u l-opinjonijiet tiegħu), il-Qorti ma tħossx li l-konvenut kien fi stat li jiġġustifika dikjarazzjoni li ma kellux "*sufficient powers of intellect or volition to elicit matrimonial consent*";

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talba attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi ppreżentata fit-22 ta' Marzu, 1990, fejn interponiet appell għal quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attriċi ppreżentata fis-27 ta' Jannar, 1993, fejn hija talbet li dina l-Onorabbli Qorti għandha tirrevoka s-sentenza msemmija u tilqa' t-talbiet tagħha. Din il-petizzjoni saret wara li l-attriċi kienet ippreżentat rikors fit-12 ta' Awissu, 1992, u wara illi dina l-istess Qorti ddeċidie fil-21 ta' Ottubru, 1992, li l-appell seta' jkompli;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat, ippreżentata fil-25 ta'

Awissu, 1992, fejn huwa qal li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata;

Rat il-verbali tagħha tal-21 ta' Ottubru, 1992, fejn hija nnominat bħala Perit Tekniku lit-tabib Dr. Joseph Pisani biex jirrelata dwar l-istat mentali tal-konvenut, kemm fil-mument taż-żwieġ kif ukoll tallum;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda partikolarment dik ta' l-fuq imsemmi Dr. Joseph Pisani fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 1993;

Semgħet il-partijiet tramite d-difensur tagħhom;

Ikkunsidrat:-

Il-partijiet iżżewġu fil-21 ta' Lulju, 1976, u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel wieħed jismu Christopher, li twieled fl-14 ta' Novembru, 1977. Il-partijiet jidhru li kellhom għerusija normali li dament xi sena u tmien xhur qabel ma żżewġu. F'din l-għerusija kellhom problemi li s-soltu jkollhom l-għarajjes, però kif xehdet l-attriċi stess fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 1987, tul dan iż-żmien, hija, "il-bqija kont narah normali bħal ħaddieħor";

*Omissis;*

M'hemmx dubju li wara ż-żwieġ, il-konvenut beda juri attitudni li ma kinetx totalment normali u kienet minħabba din l-attitudni li hu ġie ammess diversi drabi fl-Isptar Monte Carmeli, fil-Mental Clinic ta' l-Isptar San Luqa, u kien ukoll għal-dawn

ir-raġunijiet li għamel perijodi twal ma jmurx għax-xogħol u kellu bżonn jiġi eżaminat minn xi tobba psikjatri. Huwa fil-fatt kien ġie kkurat sew minn Dr. Abraham Galea u sew minn Dr. Pierre Muscat, u ngħata kwantità ta' pilloli li huma tip ta' pilloli *'anti despressant'* u *'tranquillisers'*. Però kif xehdu l-istess tobba, dawn il-pilloli kif xehdu l-istess tobba, dawn il-pilloli li ngħatawlu ma kinux f'dożi qawwija. Hekk xehed it-Tabib Dr. Pierre Muscat li kien prodott mill-attriċi stess fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1987;

Il-punt però relevanti, stante li hawn wieħed qed jitkellem fuq annullament taż-żwieġ, huwa x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiż-żmien meta daħal fil-kuntratt taż-żwieġ, u ċjoè jekk il-kunsens tiegħu kienx ivvizzjat fis-sens li minħabba l-istat mentali tiegħu hu ma kienx f'pożizzjoni li jifhem għal dak li kien dieħel, u għalhekk setax kellu f'dan iż-żmien stat mentali li ma kienx kompetenti minħabba fih li jikkuntratta ż-żwieġ, u dana skond l-artikoli 4 u 19 sub-artiklu 1, sub-artiklu h, ta' l-Att ta' l-1975, l-Att ċjoè XXXVII ta' l-1975, li jissejjeħ l-Att ta' l-1975 dwar iż-Żwieġ;

Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li fejn wieħed jitkellem fuq annullament u mhux fuq separazzjoni jew divorzju fiż-żwieġ, huwa proprju fil-mument li jrid ikun hemm in-nexus ta' kawżalità bejn il-kunsens mogħti internament u dak mogħti esternament;

Dan huwa ammess mill-Assistenta Ġudizzjarja li kienet ġiet imqabbda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-paġna 16 tar-rapport tagħha li jinstab a fol. 29 tal-proċess fejn anke tikkwota lill-awtur Keating fil-ktieb tiegħu, *"The bearing of mental impairment on the validity of marriage and analysis of local gurisprudence"* li fil-paġna 102 jgħid: *"There must be an*

*external manifestation of a true internal act of will formlated to the use of reason and decisions''*. L-istess Assistenta Ġudizzjarja fil-konklużjonijiet tagħha tgħid li, ' *on a balance of probabilities'*, il-konvenut kien ibati minn '*mild subnormality'* u fil-fehma tagħha t-talbiet attriċi kellhom jiġu milqugħa fis-sens li l-Qorti kellha tiddikjara ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti li huwa null skond il-liġi. Hija bbażat ir-rapport tagħha prinċipalment fuq dak li qal il-psikjatra Dr. Pierre Muscat, li skond hu kien hemm il-possibbilità jew aħjar il-probabbilità li s-subnormalità li kellu l-konvenut kienet mit-twelid;

Il-Prim'Awla ma qabletx ma' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' l-istess Assistenta Ġudizzjarja, u dehrilha li mill-provi prodotti ma rriżultax li r-raġel kellu jew wera nuqqas simili fiż-żmien meta ġie ċċelebrat iż-żwieġ. Il-Prim'Awla tgħid ukoll fis-sentenza tagħha, li Dr. Pierre Muscat ġie prodott bħala xhud ''ex parte'' u x-xiehda tiegħu ma tistax għalhekk tiġi mogħtija dik il-konsiderazzjoni li kieku wieħed xtaq jagħtiha;

L-attriċi tibbaża t-teżi tagħha anke fil-petizzjoni ta' l-appell fuq imsemmija, prinċipalment fuq id-depożizzjoni ta' Dr. Muscat, li apparti minnha, huwa l-unika xhud li hija ressqet. Infatti kif irrelevat ġustamet l-Ewwel Qorti, lanqas ma ressqet ix-xiehda ta' oħtha li fiż-żmien tal-għerusija ġieli kienet toħroġ mal-koppja;

Għaldaqstant din il-kawża għandha tiġi deċiża fuq apprezzament minn din il-Qorti dwar l-istat mentali tal-konvenut fiż-żmien li huwa kkontratta ż-żwieġ. U hawn tul ix-xiehda kollha ta' l-attriċi stess wieħed jinduna li anke hi qiegħda tammetti li ż-żwieġ li kien kważi normali effettivament tbiddel però wara li kien ġie kkontrattat dan iż-żwieġ. Hekk per eżempju, x-xiehda

tagħha hija mimlija frażijiet bħal, "wara li żżewwiġna", u "l-ħajja bejnietna tbiddlet kompletament" u frażijiet oħra bħal dawn li jindikaw li l-istat mentali tal-konvenut iddeterjora wara li kien ġie kkontrattat iż-żwieġ. Però aktar minn dan, hemm r-relazzjoni *tal-perit tekniku mediku mqabbad minn din il-Qorti li dana* jikkonferma bl-aktar mod kategoriku sew fir-relazzjoni tiegħu sew fix-xiehda tiegħu anke fil-kontro-eżami x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiż-żmien li żżewweġ;

Jidher li jkun għalhekk propens ħafna li din il-Qorti fis-sentenza tagħha tikkwota ampjament minn dak li qal l-istess tabib psikjatra Dr. Joseph Pisani , u dan billi l-ewwel fir-relazzjoni tiegħu a paġina 3 jgħid hekk: "Jidher illi l-konvenut beda juri l-ewwel sinjal ta' mal psikjatriku minn si sena u nofs jew sentejn wara ż-żwieġ". A fol. 3 aktar tard, "a bażi tal-fatti fuq esposti jidher ċar illi l-konvenut qabel iż-żwieġ ma kienx ibati minn ebda forma ta' mard mentali";

U l-istess, fl-istess fol 123 u paġna 3, "wara ż-żwieġ però, u preċiżament wara li twelditlu t-tarbija, l-komportament tal-konvenut tbiddel radikalment". Imbagħad il-konklużjoni tiegħu: "*Għaldaqstant is-sottoskritt huwa ta'* l-*opinjoni* li l-konvenut fil-mument taż-żwieġ tiegħu ma' kien affett minn ebda marda mentali li tirrendih inkapaċi li jagħmel deċiżjonijiet validi u li jifhem l-implikazzjonijiet tagħhom";

Din il-konklużjoni l-Perit ikkonfermaha fis-seduta quddiem din il-qorti tal-10 ta' Novembru, 1993, fejn jgħid: "Jiena nikkonferma li l-konvenut meta żżewweġ kien f'posizzjoni li jifhem u jaf dak il-pass normalment x'jimpika", u bl-aktar mod kategoriku fil-kontro-eżami jgħid: "Nirrepeti *li* qabel iż-żwieġ il-personalità tal-konvenut kienet tali illi tista' ssejħilha

kompletament normali";

Mix-xhieda ta' l-istess attriċi u mir-rapport tal-psikjatru mqabbad minn din il-Qorti kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li fil-mument fejn ta l-kunsens tiegħu l-konvenut ma kien isofri b'ebda mard mentali li konsegwenza tiegħu dan iż-żwieġ għandu jiġi annullat;

Dan ma jfissirx li sussegwentement ma żviluppax stat mentali li jagħti dritt lill-mara biex tagħmel kawża ta' separazzjoni kif fil-fatt għamlet;

Però din il-Qorti f'dan il-każ hija rinfaċċata b 'kawża għal annullament ta' żwieġ li jissinjifika li dan irid ikun ħaġa li fil-materja u fil-ħin tal-kunsens kien mhux validu *'ab initio'*. Din il-Qorti tħoss li dana ma tistax tgħidu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tiċħad l-appell. Minħabba n-natura tal-każ, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.